MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Numru 15/2012

Qorti Kriminali

Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D.

**Att t' Akkuza Nru:15/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**André Francois Buhagiar**

Illum 18 ta' Frar, 2014,

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-akkuzat fis-6 ta' Jannar, 2014.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tas-27 ta' Jannar, 2014.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati.

Ikkunsidrat:

Illi din l-eccezzjoni giet ipprezentata wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 12 ta' Dicembru, 2013 fejn ordnat korrezzjonijiet fl-ewwel u t-tieni kap tal-akkuza. L-akkuzat argumenta li dawn il-korrezzjonijiet jrendu l-istess att ta' akkuza aktar gravi.

L-Avukat Generali minn naha l-ohra, nvoka t-terminu previst fl-artikolu 438 tal-Kap. 9 kif ukoll oggezzjonijiet ohra kif jidhru fl-istess risposta.

Ghal dan l-akkuzat wiegeb li t-terminu previst fl-art. 438 beda ghaddej mill-gdid meta l-akkuzat gie notifikat mill-gdid bl-att tal-akkuza kif korretta.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li bis-sentenza tat-12 ta' Dicembru, 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat korrezzjoni tal-Att tal-Akkuza u mhux ziedet li b'xi mod setghu jigu mifhuma bhala pregudizzjali ghall-interessi legittimi tal-akkuzat. L-att ta' l-akkuza baqghet l-istess u bil-korrezzjonijiet l-akkuzat setgha biss jitlob aktar zmien sabiex jipprepara d-difiza tieghu skond id-dispost tal-art. 597 (3) tal-Kap 9 u mhux li jressaq eccezzjonijiet godda kif jippretendi li jaghmel. In effetti, l-akkuzat qed jaghmel appell minn decizjoni definittiva tal-Qorti tal-Appell Kriminali! Din zgur ma tistghax issir l-anqas taht il-kappa kamuffata ta "nota ta' eccezzjonijiet". L-argumenti li qajjem l-akkuzat dwar jekk il-korrezzjonijiet jaghmlux ir-reat (mhux l-att tal-akkuza kif sostna l-akkuzat) aktar gravi, kien messhom tqajjmu quddiem il-Qorti tal-Appell u jekk tqajmu, l-Qorti tal-Appell xorta ordnat il-korrezzjoni u ghalhekk mhux il-kaz li f'dan l-istadju jigi dibattut jekk dawk il-korrezzjonijiet jaghmlux ir-reat aktar gravi jew le. Il-Qorti tal-Appell Kriminali pronuncjat sentenza definittiva li biha ghalqet l-argumenti kollha mqajjma mid-difiza fl-ewwel nota tal-eccezzjonijiet tieghu pprezentata fit-terminu u jekk l-akkuzat kellu xi argumenti ohra xi jgib bhala konsegwenza

ta' dak li talab, dawn messu gabhom quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux jivvinta stadju iehor biex idur mat-terminu mpost bl-artikolu 438(2) tal-Kap 9. Din il-Qorti taghmilha cara li dan it-terminu jghaddi darba biss u cioe` meta l-akkuzat jircievi l-att ta' akkuza, hu terminu ta' dekadenza li ma jistax jigi prorogat jew invokat aktar minn darba. L-akkuzat ghamel uzu bil-fakolta moghtija lilu li jipprezenta eccezzjonijiet ghall-Att ta' Akkuza fit-terminu moghti mill-ligi, l-eccezzjonijeit gew dibattuti, saret decizjoni, sar appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, inghatat decizjoni mill-Qorti tal-Appell – liema decizjoni hi wahda definittiva u l-akkuzat issa ma jistghax jerga jiftah kontroversja gdida fuq id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Jekk dan jigi permess, nkunu qeghdin inwaqqghu il-process gudizzjarju ghac-cajt ghax ma jkunx hemm limitu ghal eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitqajjmu wara kull sentenza definittiva.

Ghalhekk, il-Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti, tiddikjara l-eccezzjoni mqajjma mill-akkuzat fis- 6 ta' Jannar, 2014 bhala fuori termine u konsegwentement tichad l-istess u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-guri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------